# Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Giovanni M Grixti LL.M., LL.D

Appell Nru. 534/2014

**Il-Pulizija**

**(Supretendent Kevin J. Farrugia)**

**vs**

**Carmelo Callus**

**Jason Callus**

Seduta tad-24 ta' Settembru, 2018

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-appellanti, Carmelo Callus, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 169959M u Jason Callus detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 558591M quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

Nhar is-17 ta' Marzu, 2012 ghall-habta ta' 16:30 gewwa 'Ta' Qali National Stadium', sitwat H'Attard u f'inhawi ohra f'dawn il-Gzejjer Maltin:

1. ikkagunaw feriti [*recte:* offizi] hfief fuq il-persuna ta' PC 1121 Brian Casingena u PC 1112 George Buhagiar u dan kif iccertifikat Dr. Maureen Bezina M.D. – Reg. No.: 5271, tac-Centru tas-Sahha tal-Floriana li huma ufficjali pubblici;

2. attakkaw jew ghamlu rezistenza bi vjolenza jew b'hebb ta' xorta li ma titqies vjolenza pubblika, kontra persuni nkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku, waqt li kienu qed jagixxu ghall-esekuzzjoni tal-Ligi;

3. ingurjaw jew heddew persuni ta' uhud inkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku, waqt li kienu qed jaghmlu jew minhabba li kienu qed jaghmlu dan is-servizz jew bil-hsieb li jbezzaghhom jew li jinfluwixxu fuqhom kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dan is-servizz u cioé fuq il-persuna PC 1121 Brian Casingena u PC 1112 George Buhagiar u ufficjali ohra;

4. bi vjolenza jew b'theddid igieghel ufficjali pubblici u cioé lil ta' PC 1121 Brian Casingena u PC 1112 George Buhagiar li ma jaghmlux xi haga li ghandha x'taqsam mal-kariga taghhom;

5. naqsu li jobdu l-ordnijiet legittimi moghtija lilhom mill-Pulizija waqt li kienu qed jaqdu d-doveri taghhom jew ma hallewx jew fixklu waqt il-qadi ta' dmirijiethom;

6. volontarjament kisru l-bon ordni jew il-paci pubblika b'ghajjat u glied,

7. meta filwaqt li kienu qieghdin gewwa ground tal-isports gabu ruhhom abbuzivament bi ksur ta' 'Regolamenti biex jinzamm l-Ordni Pubbliku fil-Grounds tal-Isports' (L.S. 10.33 (7) et sequitur.

Lil **Carmelo Callus** wahdu talli fl-istess data, hin u cirkostanzi bhala ufficjal jew impjegat pubbliku sar hati ta' reat li hu kellu jissorvelja biex ma jsirx jew minhabba l-kariga tieghu hu kellu d-dmir li jimpedixxi.

Il-Qorti kienet mitluba li, f'kaz ta' htija, minbarra l-piena stabbilita' skond il-ligi, tordna illi imputati ma jattendux fi grounds ta' sports ghal dak il-perjodu ta' zmien li din il-Qorti jidrilha xieraq

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tal-11 ta' Dicembru, 2014 li biha fir-rigward tal-imputat **Carmelo Callus**, filwaqt li ma sabitux hati tar-raba' (4) imputazzjoni u ta' dik il-parti tal-ewwel (1) imputazzjoni fejn issir riferenza li kienu kagunati griehi ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' PC 1121 Brian Casingena u b'hekk tilliberah minnhom, sabitu hati tat-tieni (2), tat-tielet (3), tal-hames (5), tas-sitt (6), tas-seba' (7) u tat-tmien (8) imputazzjoni u sabitu hati wkoll ta' dik il-parti tal-ewwel (1) imputazzjoni fejn issir riferenza li gew kagunati griehi ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' PC 1112 George Buhagiar u kkundannatu ghal perjodu ta' sena prigunerija li b'applikazzjoni ta' l-Artikolu 28A tal-istess Kapitolu 9 kien sospizi ghal sentejn. Fir-rigward tal-imputat **Jason Callus**, filwaqt li ma sabitux hati tal-ewwel (1) u tar-raba' (4) imputazzjoni u b'hekk illiberatu minnhom, sabitu hati tat-tieni (2), tat-tielet (3), tal-hames (5), tas-sitt (6) u tas-seba' (7) imputazzjoni u kkundannatu ghal perjodu ta' sitt (6) xhur prigunerija li b'applikazzjoni ta' l-Artikolu 28A tal-istess Kapitolu 9 kien sospizi ghal sena;

Kwantu ghat-talba tal-prosekuzzjoni, tenut kont li z-zewg imputati kienu ilhom projbiti milli jattendu f'xi ground mindu nghataw l-liberta provizorja fid-19 ta' Marzu 2012, ghazlet li ma tipprojbixxix aktar liz-zewg imputati milli jattendu f'xi ground tal-isports;

Rat ir-rikors tal-appell ta' Carmelo Callus u Jason Callus, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fit-23 ta' Dicembru, 2014, li permezz tieghu talbu lil din il-Qorti lli **tirriforma** s-sentenza appellata billi **tikkonfermaha** f'dik il-parti fejn illiberat lil Carmelo Callus mir-raba' (4) mputazzjoni u minn dik il-parti tal-ewwel (1) imputazzjoni fejn issir riferenza li gew kagunati griehi ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' PC 1121 Brian Casingena; u li Jason Callus mill-ewwel (1) u mir-raba' (4) imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu; **tirrevokaha** fil-parti fejn sabet lil Carmelo Callus hati tat-tieni (2), tat-tielet (3), tal-hames (5), tas-sitt (6), tas-seba' (7) u tat-tmien (8) imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu u ta' dik il-parti tal-ewwel (1) imputazzjoni fejn issir referenza li gew kagunati griehi ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' PC 1112 George Buhagiar; u ukoll f'dik il-parti fejn sabet lil Jason Callus hati tat-tieni (2), tat-tielet (3), tal-hames (5), tas-sitt (6) u tas-seba' (7) imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu, tiddikjarahom mhux hatja taghha, u konsegwentement tilliberahom minn kull imputazzjoni, htija u piena; **sussidjarjament tirriforma** s-sentenza appellata billi tvarjaha fil-parti tal-piena nflitta, u dan billi tinfliggi piena aktar ekwa u gusta;

Rat l-aggravji tal-appellanti;

Semghet lid-difensur tal-appellanti u lill-Avukat Generali;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellanti esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti;

Ikkunsidrat:

1. Illi l-appellanti jillanjaw is-sentenza tal-ewwel Qorti bil-gravami singolari li kellhom ikunu liberati minn kull htija tenut konflitt fil-provi u jelenkaw diversi istanzi fejn kien hemm tali konflitt. It-talba taghhom hija ghar-revoka tas-sentenza fejn din sabet htija, bl-eccezzjoni ta' fejn kien hemm liberatorja, segwita b'talba *in subsidium* ghar-riforma fil-piena;

2. Fil-qosor, il-fatti ta' dan il-kaz huma dwar disturb li nqala fl-Istadjum Nazzjonali gewwa Ta' Qali waqt loghba futbol u dak li segwa fil-lock-up tal-istess lok. Il-Pulizija tikkontendi li meta identifikat lill-appellant Carmelo Callus bhala s-sors tal-inkwiet u malli avvicinatu ghaz-zamma tal-bon ordni dan irreagixxa u kellu jkun mrazzan izda meta ibnu ra hekk indahal fil-kwistjoni u t-tnejn spiccaw arrestati. Fil-mori ta' dan kollu, zewg ufficjali tal-Pulizija sofrew offizi ta' natura hafifa. L-appellant u ibnu jsostnu li huma fl-ebda hin ma kienu responsabbli ghall-inkwiet li inqala tant li kien l-appellant Carmelo Callus li insista mal-Pulizija biex imorru jassistu lil shabhom fejn kien hemm l-inkwiet izda dawn interpretawh hazin u spicca arrestat ta' xejn;

3. Huwa bil-wisq evidenti illi f'din il-kawza l-ewwel Qorti kienet rinfaccjata b'zewg verzjonijiet konflingenti u minn dawn it-tnejn ghazlet dik kif rakkontata mill-Pulizija. L-istess Qorti kienet fil-pjena liberta' li taghmel dan u mhux kif ritenut mill-appellanti fil-gravami taghhom, igifieri, li f'cirkostanzi ta' konflitt fil-provi kellha bil-fors tilliberahom. L-ewwel Qorti rradikat il-gudizzju taghha fuq il-principju ormai stabilit u assodat fil-gurisprudenza illi *"mhux kull konflitt fil-provi ghandu awtomatikament iwassal ghall-liberazzjoni tal-persuna akkuzat. Imma l-Qorti, f'kaz ta' konflitt ta' provi trid tevalwa l-provi skond il-kriterji enuncjati fl-artikolu 637 tal-Kap 9 u tasal ghall-konkluzzjoni dwar lil min trid temmen u f'hiex ser temmu jew ma temmnux"* u dwar dan ccitat is-sentenzi **Il-Pulizija vs Joseph Thorne App. Krim., 9.0703** u **Ir-Repubblika ta' Malta vs Dennis Pandolfino et Qrt. Krim 19.10.2006**.

4. Tajjeb illi in parentesi ikun kjarifikat illi dan il-principju muhiex provenjenti direttament minn xi provvediment partikolari tal-ligi kif donnhom jaghtu x'jifhem is-sentenzi citati. Dan ghaliex l-artikolu 637, wisq anqas xi artikolu iehor, tal-Kodici Kriminali ma jghidx espressament x'ghandha taghmel il-Qorti meta rinfaccjata b'verzjonijiet konflingenti (hlief ghal dak ravvizat fl-artikolu 639 dwar r-reati tal-kalunja, spergur jew gurament falz u delitti kontra s-sigurta' tal-Gvern). Tant hu hekk illi l-artikolu 637 jirreferi ghal eccezzjonijiet mqanqla fl-artikoli 630, 633 u 636 u harsa lejn dawn l-artikoli turi minnufih li l-artikolu 637 qed jirreferi ghal-sitwazzjoni ben diversa minn dik ta' konflitt fil-provi. L-artikolu 630 jghid li hadd ma jista' jkun eskluz li jixhed ghaliex ma jkollux xi eta' partikolari; l-artikolu 633 jirreferi ghall-interess li jista' jkollu xhud fil-kawza filwaqt illi l-artikolu 636 jipprovdi li ma tista' titqajjem ebda eccezzjoni dwar il-kompetenza ta' xhud minhabba li kien precedentement misjub hati u hwejjeg simili. Issa, minkejja li ma tista' tkun sollevata ebda eccezzjoni fuq il-kompetenza ta' xhud a bazi tat-tlett artikoli appena msemmija, l-artikolu 637 jipprovdi illi r-ragunijiet msemmija f'dawk l-artikoli jistghu ikunu sollevati bhala raguni ghaliex dak ix-xhud mghandux jitwemmen u li f'tali kaz, id-decizjoni dwar il-kredibilita' o meno ta' dak ix-xhud ghandha tithalla fid-diskrezzjoni ta' min ghandu jiggudika l-fatti:

> **637. L-eccezzjonijiet dwar wahda jew ohra mir-ragunijiet imsemmijin fl-artikoli 630, 633 u 636, jolqtu biss il-kredibilita' tax-xhud u fuq din, id-decizjoni tithalla fid-diskrezzjoni ta' min ghandu jiggudika l-fatti. Billi jitiehed qies tal-imgieba, kondotta u karattru tax-xhud, tal-fatt jekk ix-xiehda ghandhiex mis-sewwwa jew hix konsisteni, u ta' fattizzi ohra tax-xiehda tieghu, u jekk ix-xhieda hix imsahha minn xiehda ohra, u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

4. Illi ghalhekk din il-Qorti hasset il-htiega illi ticcara li dak li sal-lum kienet meqjusa bhala regola tal-mod kif ghandha tipprocedi l-Qorti jew l-imhallfin tal-fatti fil-guri meta si tratta ta' konflitt ta' verzjonijiet, muhiex rizultat ta' xi provediment tal-ligi li espressament jghid dak ritenut mis-sentenzi citati. Huwa pjuttost process naturali tal-bon sens li jirrikjedi li f'kaz ta' divergenzi fix-xhieda, il-gudikant ghandu jara, skond il-provi mressqa u c-cirkostanzi kollha tal-kaz, minn minnhom ghandu jkun emnut. Wara kollox il-process penali hafna drabi hu kompost minn sitwazzjonijiet konflingenti jew ghaliex l-imputat jew ix-xhieda jghidu hwejjeg li huma kontrastanti ghal-verzjoni tal-prosekuzzjoni jew ghaliex il-fatti emergenti mill-process ma jaghmlux omagg ghad-deposizzjoni ta' uhud jew ghall-fatti imputati. Il-gudizzju huwa ghalhekk fdat f'idejn il-Magistrat jew l-Imhallfin tal-fatti fil-guri bil-kawtela illi fejn il-konflitt huwa tali li ma jistghux jasslu ghal-konkluzzjoni li verzjoni minnhom tant ghandha mis-sewwa li biha tista' tinstab htija allura mbaghad japplika l-principju *in dubio pro reo* u jghaddu ghal-liberazzjoni. Dan fil-fatt hu rifless fis-sub-artikolu (2) tal- artikolu 638 meta jghid : ".....f'kull kaz, ix-xiehda ta' xhud biss, jekk emmnut minn min ghandu jiggudika fuq il-fatt, hija bizzejjed biex taghmel prova shiha u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt gie pruvat minn zewg xhieda jew aktar."

5. Ventilat dan, isegwi li jkunu ezaminati l-atti processwali bil-ghan illi jkun determinat jekk id-decizjoni tal-ewwel Qorti setghetx waslet ghaliha legalment u ragjonevolment, anke ghaliex s-sentenza tal-ewwel Qorti ma tindikax ghaliex verzjoni kienet maghzula fuq ohra;

6. Il-filmat esebit mill-prosekuzzjoni ma hu ta' ebda ghajnuna ghad-determinazzjoni tal-kwistjoni odjerna. Dan ghaliex ma xehed hadd dwaru sabiex jidentifika min huma dawk responsabbli ghal dak l-agir disgustanti u scivili ghall-ahhar minn partitarji waqt

loghba futbol. Jidher ukoll illi hadd ma xehed quddiem l-ewwel Qorti sabiex jaghmel dan l-ezercizzju. Mill-imagini tal-imputati derivanti mill-karta tal-identita' u l-passaporti taghhom esebiti in atti lanqas ma jista' jkun identifikat xi hadd minnhom f'dan il-filmat li altrimenti kien ikun ta' beneficcju ghall-process;

7. L-ewwel Qorti ghamlet esposizzjoni qasira izda akkurata tad-deposizzjonijiet tax-xhieda u din il-Qorti m'ghandiex ghalfejn tinoltra f'ripetizzjoni taghhom. Minn dawn, izda ghandu jemergi illi kwantu l-appellant Carmelo Callus, ma kien hemm l-ebda raguni ghaliex ma kellux jitwemmen. Iz-zewg imputati mhumhiex partitarji tat-teams li kienu qed jilghabu dak il-hin u kienu hemm ghal-loghba precedenti u baqghu fil-ground. Skond Carmelo Callus, kif korroborat minn xhieda ohra, partitarju tefgha stikka li kien qed juza biex idoqq xi strument biha fid-direzzjoni tieghu. Il-Pulizija gew fuq certu Joseph Azzopardi, li kien ukoll membru fil-korp tal-Pulizija, u harguh 'l barra mill-ground. Carmelo Callus beda jindirizza lill-Pulizija u jghidilhom li kien ahjar li jmorru jghinu lill-shabhom fil-kommossjoni li kien hemm ftit 'l isfel u jidher li dan id-diskors inftiehem hazin tant illi l-Pulizija riedu johorguh 'l barra. Gara izda, li appena iben Carmelo Callus, allura l-appellant l-iehor Jason Callus, ra hekk huwa mar ghad-difiza ta' missieru u gab ruhu b'mod li kellu jkun mizmum mal-art u manettjat sakemm finalment ttiehed fil-lock-up;

8. Din il-Qorti hadet in konisderazzjoni c-certifikati medici li pproduca l-appellant Carmelo Callus li juru li l-kapacita' fizika li jaghmel dak addebitat lilu pjuttost difficili. Hadet in konsiderazzjoni ukoll id-deposizzjoni ta' Stephen Abela, ECG technician, li kkonferma li, wara li sar jaf bil-kommossjoni, ra lill-Carmelo Callus bilqieghda fuq bank qisu ser ikollu attakk tal-qalb. Dak li forsi l-ahjar li jista' jiddeskrivi in succint dak li gara jemergi mid-deposizzjoni ta' certu Stuart Abdilla meta jirrakonta illi dak il-

hin kien hemm kommossjoni fost il-partitarji ta' Birkirkara u l-appellanti kienu t-tnejn qeghdin josservaw x'qed jigri meta Carmelo Callus indirizza lill-wiehed mill-Pulizija u qallu li kien ahjar jekk imur jghin lil shabu. F'hin minnhom gie Pulizija iehor b'girja minn naha tal-VIP u qabad lill-Carmelo Callus bis-sahha u gibdu lura u hemmhekk inqalet konfuzzjoni meta Jason Callus gie biex jghin lill-missieru;

9. Huwa proprju hawn fejn is-sentenza tal-ewwel Qorti tiddifetta ghaliex dak li jidher li kienet interpretazzjoni hazina tad-diskors ta' Carmelo Callus li bhala Ufficcjal Pubbliku, ex Pulizija edatt mad-Dipartiment tal-Protezzjoni Civili ezalta Ufficcjal tal-Pulizija biex imur jghin lil shabu, spiccat f'kommossjoni shiha grazzi ghall-intervent ta' Jason Callus li minflok li prova jispjega bil-kelma t-talba li missieru ma kellu ebda tort f'dak kollu, ghogbu jsir vjolenti u jipprova jiehu r-raguni b'idejh tant li kellu jkun mrazzan kif intqal *supra*. Sitwazzjoni bhal dik in dizamina gewwa ground tal-futbol ma hi facli xejn ghall-persuni afdati biz-zamma tal-ordni, anzi hija wahda perikoluza ferm meta teskala b'dak il-mod. Din tiehu xejra aktar perikoluza u nkontrollabbli meta persuni jiddeciedu li huma fuq kullhadd u jahsbu li jistghu jsolvu kollhox huma fizikament minflok li jhallu kollox f'idejn min hu ufficjalment u legalment responsabbli ghaz-zamma tal-ordni;

10. Mghadud ma dann hemm ukoll aspett iehor li ma jistghax ikun injorat, illi meta, bhal f'dan il-kaz, Pulizija jara lil kollegi tieghu cirkondati minn nies li jridu r-ragun, jimbuttaw u jghajtu u jiggestikolaw, huwa naturali li dak li jkun ser javvicina biex anke bil-presenza tieghu jkun ta' sostenn ghall-kollegi. U jkun proprju hemm li kullhadd jibda jghid tieghu minghajr ma jkun jaf ezattament x'gara. Ghalhekk filwaqt illi f'certi sitwazzjonijiet xi ftit ta' rimostranza hija koncepibbli, din ma tistax tithalla teskala sal

punt li minn persuna jew tnejn ikaxkru maghhom numru akbar ta' partitarji b'konsegwenzi li nafu fejn jistghu jwasslu;

11. Fl-assjem ta' dan kollu, din il-Qorti hi tal-fehma li Carmelo Callus ma setghax ragjonevolment jinstab hati mill-ewwel Qorti. L-istess izda ma jistghax jinghad kwantu l-appellant Jason Callus ghaliex ma hemm xejn x'jiddemostra li l-ewwel Qorti ma setghetx legalment u ragjonevolment tasal ghal konkluzzjoni li wasslet ghaliha;

11. Ghar-rigward tal-aggravju dwar il-piena, din il-Qorti laqghet it-talba sabiex isir pre-sentencing report minn Ufficcjal tal-Probation u semghet lill-istess bil-gurament. Din il-Qorti thares b'sodisfazzjon lejn il-kontenut ta' dan ir-rapport minn fejn jemergi illi l-appellant mhux mahkum minn xi problemi li jistghu iressquh vicin il-kriminalita'. Fl-istess waqt, izda, ma tara ebda raguni ghaliex ghandha tirrimpjazza d-diskrezzjoni ezercitata mill-ewwel Qorti fil-kominazzjoni tal-piena liema Qorti certament li gharrfet il-gravita' tas-sitwazzjoni fejn si tratta ta' nies afdati biz-zamma tal-bon ordni u l-perikli kollha li dan ix-xoghol jista' jgib mieghu. L-unika koncessjoni li din il-Qorti disposta li taghmel hi li tnaqqas il-perjodu ta' sospensjoni tat-terminu ta' prigunerija tenut biss ghall-fatt li ghadda hafna zmien mill-akkadut;

12. Ghal dawn il-motivi, tiddisponi minn dan l-appell billi tichad it-talba ta' **Jason Callus** fejn din tirrigwarda r-revoka tas-sejbien ta' htija kwantu t-2, it-3, il-5, is-6, is-7 u t-8 imputazzjoni. Tilqa' t-talba tieghu ghar-riforma fil-piena billi tirrevokaha f'dik il-parti li fiha gie kkundannat ghal sitt xhur prigunerija sospizi ghal sena u minflok qed tikkundannah ghal tliet xhur prigunerija sospizi ghal sena millum skond l-artikolu 28A tal-Kodici Kriminali. Tilqa l-ewwel talba tal-appellant Carmelo Callus u ghalhekk fil-waqt illi tikkonferma n-nuqqas ta' htija tieghu kif deciz mill-ewwel Qorti kwantu r-raba' imputazzjoni u parti mill-ewwel imputazzjoni,

thassar fil-kumplament bil-konsegwenza li tilliberah minn kull htija u piena. Tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tieni talba tieghu kwantu l-piena;

Il-Qorti ghaddiet biex tispjega lill-Jason Callus, l-obbligi tieghu naxxenti minn din is-sentenza.